# TURIŻMU SEPULKRALI (I)



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

F'Edinburgh waħda mill-attrazzjonijiet prinċipali huwa ċimiterju li apparti li għandu fih storja ta' kelb li dam iżur lil sidu għal diversi snin wara li miet, kien ukoll ta' ispirazzjoni għall-karattri ta' Harry Potter. Forsi ftit jorbtu r-riti tad-dfin mat-turiżmu u bir-raġun. Iżda l-verità hi li f'Malta għandna kważi kull tip ta' dfin li jeżisti. Dan jekk niffokaw fuq il-metodu tad-dfin aktar milli l-post jew kontenitur fejn wieħed jindifen.

Għalkemm il-mewt kienet u tibqa' suġġett makabru, tibqa' wkoll tqajjem bizzejjed kurżità fil-bniedem li timmobilizzah jiskopri aktar dwarha. U huwa proprju għalhekk li forsi ma nħossx li turiżmu tad-dfin huwa xi ħaġa li tista' tinteressa lil ftit.

Minbarra hekk ma rridux ninsew li ħafna mit-turisti diġà jkunu ġew aktar minn darba Malta u forsi jekk jiġu offruti pakkett b'differenza jerġgħu jipprovdu suq ġdid li jiġġenera aktar xogħol, żjarat u dħul.

## Tul ta' żmien u siti tad-dfin

Dak li jissorprendi ħafna lil turisti barranin, pereżempju, huwa l-fatt li aħna naqalgħu lill-mejtin tagħna fi żmien daqstant qasir meta f'pajjiżi akbar, b'aktar art, huma jħallu l-għeżież tagħhom midfunin għal ġieli aktar minn 20 sena.

Il-fatt li aħna nidfnu anke fil-knejjes tagħna saħansitra jġiegħel lil ċertu turisti jibżgħu jmiddu pass ieħor.

Huma dawn is-sensazzjonijiet li waħda wara l-oħra jagħmlu mawriet organizzati dwar il-metodi tad-dfin u l-mewt f'pajjiżna interessanti.

## Dfin taż-żminijiet Neolitiċi u osswarji

Iżda apparti l-oqbra ta' qabel it-Tempji Neolitiċi li nstabu f'Ħaż-Żebbuġ u l-figurini astratti li nstabu ma' dawn l-istess skeletri, id-dfin f'pajjiżna jibda b'żewġ tempji spettakulari taħt l-art li wieħed biss minnhom huwa miftuħ għall-pubbliku: l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Dan huwa wirt kulturali dinji, b'artefatti, tinqix u statwetti uniċi maħduma bl-użu tal-ġebel biss. Il-post innifsu dlonk jpoġġielna quddiemna l-isfida li nifhmu jekk hux il-ġisem kollu jew l-għadam biss tal-mejjet kien jinħażen hemmhekk. Jekk fil-fatt kienx post tad-dfin tal-ġisem kollu jew sempliċement osswarju.

## Kremazzjoni u rmied fil-bombli tal-fuħħar

Warajh fiż-żmien, erba' passi bogħod, jiġu l-bombli tal-fuħħar mimlija rmied li ġej mill-kremazzjoni tal-iġsma tal-poplu ta' żmien il-bronż. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan ifakkarna li m'aħniex aħna l-ewwel nies li introduċejna l-kremazzjoni f'pajjiżna.

## Sarkofagi

Id-dfin jerġa' jitbiddel fi żmien il-Feniċi li ħallew warajhom sargofagi l-ġmiel tagħhom. Billi dawn is-sargofagi jinsabu wieħed f'Malta u ieħor f'Għawdex forsi wieħed jista' anke jagħmel rappreżentazzjoni viżiva fil-Katakombi tar-Rumani jew post ieħor magħżul li mbagħad jistgħu jiġu meqjusa bħala r-raba' metodu tad-dfin prinċipali f'pajjiżna.

## Ir-rit Ruman

Bla dubbju l-katakombi Rumani Maltin huma fuq l-istess livell ta' dawk ta' Sqallija u Ruma fost oħrajn. Iżda l-katakombi u l-oqbra uniċi Maltin u l-mejda ta' Agape (fejn il-qraba tal-mejtin kienu jibku u jieklu wara l-funeral) huma ta' interess ferm partikolari. L-istess huma l-affreski u tinqix mal-ħitan li jiddistingwu mejjet minn ieħor normalment skont ir-reliġjon li kellu matul ħajtu jew l-epoka meta miet. Il-katakombi, apparti eċċezzjonijiet żgħar, jinsabu r-Rabat, tefgħa ta' ġebla oħra bogħod mill-epoka li jmiss fl-istorja tagħna.

## Ir-rit tad-dfin Għarbi

Għalkemm ftit li xejn għandna eżemplari ta' żmien l-Għarab miftuħin għall-pubbliku għandna qabar tal-epoka fid-Domus Rumana. Però mbagħad għandna artefatt li dejjem ġibed attenzjoni partikolari, li hija l-ġebla ta' Majmuna. Jekk rappreżentazzjoni viżiva tal-ġebla ta' Majmuna tingħaqad mal-qabar Għarbi fir-Rabat allura din tista' tkun waqfa oħra tat-turist f'dawn l-inħawi matul ġita li tiffoka fuq id-dfin, speċjalment jekk it-turist ikun jista' jara l-qabar qabel ma jħallas għad-dħul tad-Domus Rumana.

## Rappreżentazzjonijiet teatrali

Niftakar meta attendejt għal rikostruzzjoni tar-rit Ruman fil-Katakombi fir-Rabat. Ir-rappreżentazzjoni fehmitni ħafna aktar mit-tabelli. Jekk rappreżentazzjonijiet bħal dawn jikkumplimentaw il-viżwal u t-tabelli apparti s-sit innifsu jagħmlu l-mawra ferm interessanti u tappella għal ferm aktar turisti.

## Il-Kavallieri: Il-mewt bħala rebħa u glorja

L-epoka tal-Kavallieri mbagħad tiftaħ bieb ġdid fuq kif il-bniedem iħares lejn il-mewt. Hawnhekk il-vjaġġ ikompli fil-knejjes, il-kannierji, il-monumenti funebri u l-lapidi prestiġġjużi u l-interpretazzjoni tagħhom. Dawn bejniethom jistgħu jikkostitwixxu wkoll mawra minflok sal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta b'laqta differenti. Ta' min jgħid ukoll li ż-żewġ kripti tal-Kon-Kattidral tal-Belt Valletta u dik tal-Kattidral tal-Imdina tajjeb li jkunu wkoll aċċessibbli kultant żmien għal gruppi speċjali.

## Il-Caravaggio

It-tema tal-mewt tirrenja wkoll fil-pitturi ta' Caravaggio. Iżda forsi anke aktar interessanti minn hekk, l-'oubliette', jew 'la guva' ta' Sant'Anġlu fejn tpoġġa l-Caravaggio qabel ħarab għandha tkun attrazzjoni prinċipali oħra ta' tema bħal din u li turist ma jistax iżur kullimkien. It-taħżiż u l-messaġġi mal-ħitan ikexkxuk u jġiegħluk tirrealizza li jista' jkun mhux kulħadd kien 'l-istess f'għajnejn il-liġi'.

## Il-Kappella tal-Għadam

F'dan il-kuntest żgur li ma jistax jonqos li tissemma' l-Kappella tal-Għadam li kienet x'imkien ħdejn l-Evans, il-Belt Valletta u li twaqqgħet darba għal dejjem fit-Tieni Gwerra Dinjija.

## Żmien l-Ingliżi

Iżda jekk nersqu aktar lejna nistgħu mbagħad nagħmlu żjara f'xi wieħed miċ-ċimiterji hekk magħrufa 'Tal-Ingliżi' li żgur li ddaħħalna ġo qoxortna meta naraw l-età tal-mejtin. Nisa żgħażagħ li mietu waqt li kienu qed iwelldu. U rġiel żgħażagħ li mietu hawn Malta fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Apparti dan insibu ċimiterji oħra li huma marbutin ma' epidemiji fosthom dawk ta' żmien l-Ingliżi bħaċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq li hu marbut mal-kolera fl-ewwel nofs tas-Seklu 19.

Il-ġimgħa li ġejja nerġa' nikteb dwar dan is-suġġett u postu bħala tema fit-turiżmu Maltija. Niffoka aktar dwar postijiet aktar marbutin ma' temi partikolari relatati mal-mewt aktar milli epoki. Forsi diġà whud mill-qarrejja skoprew postijiet li ftit li xejn għaddielhom minn rashom iżuru. Daqstant ieħor it-turist li ġie Malta aktar minn darba tajjeb li jsib prodotti diversifikati u xi ħaġa ġdida minn żmien għall-ieħor.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa.

